MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2013

Rikors Numru. 617/2012

**AB**

**Vs**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettiet:

1. Illi l-partijiet isseparaw b'kuntratt tat-22 ta' Lulju, 2010 fl-atti tan-Nutar Dr. William Azzopardi (Dok A anness);

2. Illi l-partijiet ilhom jghixu mhux flimkien ghal itkar minn ghaxar snin qabel is-sena 2010 ;

3. Illi m'hemmx possibbilita' ta' rikonciljazzjoni;

4. Illi m'hemmx pendenzi ta' manteniment dovuti ;

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex tippronunzja d-divorzju ossija hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-10 ta' Jannar, 2013;

Semghet lill-partijiet jixhdu bil-gurament taghhom;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet isseparaw legalment fit-22 ta' Lulju 2010, izda kienu ilhom ma jghixux flimkien ghal aktar minn ghaxar snin qabel is-sena 2010;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment dovut;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------